Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 89/2001/1

John u Emanuela konjugi Borg

vs

Kevin Grech

Is-socjeta’ kummercjali ‘Steel Structures Company Limited’

Francis Xavier u martu Rita Grech

Alfred Ellul u Mark Cini

Il-Qorti,

Ic-citazzjoni ta’l-atturi taqra:

“Illi l-attur John Borg sefa’ ferut gravament meta wegga’ f’incident illi avvera ruhu fl-‘Arkadia Complex’, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Ghawdex, fit-30 ta’ Marzu 1998;

Illi dan l-incident gara meta l-attur, fuq talba, anzi fuq insistenza ta’ Kevin Grech, il-konvenut, mar ma’ haddiema ohra tal-‘Water Services Corporation’ sabiex jinvestiga ilment ta’ skular ta’ ilma fl-istess kumpless. L-imsemmi Kevin Grech ikkonduca lill-attur, segwit minn haddiema ohra ta’ ‘Water Srevices Corporation’, ghal tarag fl-istess kumpless, liema tarag kien mudlam ghal kollox u ma kellu ebda tip ta’ ilqugh jew salvagwardji ghal kull min ikun qed juzah. L-attur waqa’ gholi ta’ diversi sulari u hija biss b’xorti kbira illi ghadu haj sal-lum;

Illi l-imsemmi incident gara tort tal-konvenuti jew min minnhom, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Senjatament, fost ragunijiet ohra, l-attur jattribwixxi tort lill-konvenut Kevin Grech talli dan konxjozament ikkonducieh f’lokal ferm perikoluz minghajr ma tah ebda pre-avviz tal-perikolu u minghajr ma ha ebda prekawzjonijiet sabiex jevita jew almenu jimminimizza l-perikolu. Jattribwixxi tort lill-kumpanija ‘Steel Structures Company Limited’ u lill-konvenuti Mark Cini u Alfred Ellul talli sija personalment kif ukoll bhala diretturi ta’ l-imsemmija kumpanija, waqt illi l-istess kumpanija kienet qeghdha twettaq xoghlijiet ta’ kostruzzjoni fuq l-‘Arkadia Complex’ naqsu illi jassiguraw illi l-post tax-xoghol ikun hieles minn kull perikolu. Finalment jattribwixxi tort lill-konvenuti konjugi Grech talli bhala sub-kuntratturi ta’ ‘Steel Structures Company Limited’ naqsu illi jassiguraw huma wkoll illi l-post tax-xoghol ikun hieles minn kull perikolu;

Illi per konsegwenza tal-feriti illi garrab, John Borg baqa’ jbati minn debilita’ permanenti f’gismu kollu u sofra sija danni emergenti kif ukoll lukri cessanti, kif jigi dettaljatament pruvat fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minkejja illi gew ripetutament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-konvenuti kollha baqghu inadempjenti;

Talbu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli f’dak il-proporzjon illi jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza ghall-incident illi sehh fl-‘Arkadia Complex’, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, fit-30 ta’ Marzu 1998, meta l-attur John Borg waqa’ u safa’ gravament ferut, u ghalhekk responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza ta’ l-istess incident;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f’dawk id-danni emergenti u lukri cessanti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. tikkundannahom ihallsu dawn id-danni f’dak il-grad ta’ responsabbilita’ stabbilit kontra taghhom u b’mod solidali bejniethom.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tal-10 ta’ Novembru 1998 u tal-24 ta’ Marzu 2000 kontra taghhom; bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Francis Xavier u Rita konjugi Grech li eccipew:

1. illi t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi l-esponenti ma kellu x’jaqsam xejn ma’ l-incident meritu ta’ din il-kawza;

2. illi l-esponenti la kellhom kontroll u wisq anqas xi responsabbilita’ dwar l-arja li fiha sehh l-incident;

3. illi l-esponenti Francis Grech bhala sub-appaltatur ghamel xoghol specifiku zmien twil qabel l-incident, u wara dik il-parti mill-izvilupp inghatat lura lis-sidien sabiex dawn jaghmlu xoghol ulterjuri fl-istess parti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-imsemmija konvenuti flimkien mal-lista tax-xhieda;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kevin Grech li eccepixxa:

1. illi in linja preliminari l-eccipjenti m’huwiex il-legittimu kontradittur billi meta gara l-incident mertu tal-kawza huwa kien u ghadu impjegat tas-socjeta’ ‘Arkadia Marketing Limited’, li hija s-sid tal-post fejn sehh l-incident, u dejjem agixxa fl-interess u ghan-nom ta’ dik is-socjeta’ u ghaldaqstant sakemm jirrizulta li hu ma marx oltre l-parametri tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tieghu bhala impjegat ta’ l-imsemmija socjeta’, hu personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-meritu l-eccipjenti m’huwiex responsabbli ghall-incident de quo u lanqas ghad-danni li allegatament gew sofferti mill-atturi;

3. illi responsabbli mis-sikurezza tal-haddiema u tal-pubbliku fis-sit fejn sehh l-incident, u sabiex jittiehdu dawk il-prekawzjonijiet biex tigi assigurata dik is-sikurezza ghall-haddiema u ghall-pubbliku, kienu l-konvenuti l-ohra kif ser jirrizulta ampjament fil-kors tal-kawza.

4. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ ‘Steel Structures Company Limited’ u Alfred Ellul u Mark Cini, li eccepew:

1. prelimarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Qorti billi l-ghadd ta' konvenuti, fosthom l-eccipjenti, li joqghodu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti, li joqghodu fil-gzira ta' Ghawdex;

2. illi l-gudizzju mhux integru billi ma gewx imharrka l-persuni kollha li jistghu jkunu responsabbli ghas-sinistru;

3. illi qabel xejn jinkombi fuq l-attur jipprova li l-incident sehh 'culpa' tal-konvenuti jew min minnhom, u mhux minhabba ragunijiet estranei;

4. illi in kwantu l-azzjoni attrici hija ntentata kontra Alfred Ellul u Mark Cini personalment, din ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li, kif jirrizulta mill-premessi stess tac-citazzjoni, l-atturi m'ghandhom l-ebda tip ta' relazzjoni guridika maghhom fil-kapacita' personali taghhom;

5. illi in kwantu l-azzjoni attrici hija diretta kontra s-socjeta' konvenuta, din ukoll ghandha tigi respinta bl-ispejjez billi hija kienet semplicement kuntrattur li tat b'subbapalt ix-xoghol ta' kostruzzjoni tas-sit fejn sehh l-incident lill-konvenut Francis Xavier Grech u ghalhekk qatt ma wettqet hi stess ix-xoghol ta' kostruzzjoni tali li seta' jikkawza periklu lill-istess attur;

6. illi fi kwalunkwe kaz fil-mument tal-akkadut la s-socjeta' konvenuta u lanqas Francis Xavier Grech ma kellhom *possession of site* stante li din giet moghtija lura lis-sid il-post xhur shah qabel;

7. illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti m'huma responsabbli bl-ebda mod ghall-incident li wasal ghal din il-kawza li kien konsegwenza ta' nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' l-attur;

8. illi bla pregudizzju ghall-premess ghall-istess incident jahtu principalment jekk mhux esklussivament Kevin Grech u/jew l-*employer* tieghu, billi kien fuq insistenza u pressjoni da parti tieghu illi l-attur mar fl-ambjent fejn sehh l-incident, liema lok kien minghajr dawl;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata minn Mark Cini flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal folio 27 fejn fuq talba tal-partijiet l-atti gew rimessi quddiem l-Assistent Gudizzjarju ghall-kompilazzjoni tal-provi;

Rat id-digriet taghha folio 354 permezz ta' liema aderiet ghat-talba ta' l-attur u nnominat lil Mr Raymond Gatt, kirurgu ortopediku, bhala espert mediku, liema nomina giet sussegwentement imhassra u l-espert mediku gie sostitwit minhabba opposizzjoni tal-konvenuti;

Rat il-verbal folio 375 permezz ta' liema gie nominat Mr.Anthony Bernard, kirurgu ortopediku, bl-istess funzjonijiet ossija ghall-fini li jistabilixxi l-grad ta' dizabilita ta' l-attur; u rat il-verbal sussegwenti folio 379 u n-nomina ta' l-Avukat Joseph Micallef Stafrace sabiex ikun prezenti ghall-ezami mediku ta' l-attur "ghal kull evenjenza li tista' tinholoq" u s-sussegwenti dikjarazzjoni tieghu registrata fil-verbal folio 402;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert mediku Mr Anthony Bernard debitament mahlufa folio 391 et seq;

Rat in-nota tal-konvenuti 'Steel Structures Limited' u Francis Grech ghan-nomina ta' periti perizjuri u r-rinunzja ghalihom verbalizzata folio 402;

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Hadd mill-konvenuti ma qieghed jikkontrasta li l-attur sofra debilita' permanenti fil-persuna tieghu konsegwenza ta' l-incident illi gara fil-kumpless tal-'Arkadia' li allura kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni. Dwar l-incident innifsu l-fatti huma ben definiti u juru li fil-gurnata in kwistjoni l-attur, akkompanjat minn addett iehor tal-Korporazzjoni, kien acceda ghall-kumpless fuq ilment li kien hemm skular ta' ilmijiet fil-livell l-aktar baxx tieghu. Hemmhekk iltaqghu mal-konvenut Kevin Grech, li ftit tal-hin qabel kien cempel l-ufficcju tal-Korporazzjoni, u personalment kien irranga l-appuntament. Kien fil-kors li ltaqghu li l-attur u siehbu gew mehuda jew mistednin imorru minn l-imsemmi Kevin Grech f'tarag mudlam li kien iwassal ghall-ambjenti fejn kien qieghed jiskula l-ilma, li l-attur oltrepassa l-wiesa' tat-tarag u waqa' gholi ta' xi zewg sulari.

Illi apparti dan, izda b'rilevanza ghall-incident, jirrizulta illi l-konvenut Kevin Grech kien fl-impieg tas-socjeta', sid il-kumpless, jokkupa posizzjoni ta' 'General Manager', waqt li l-konvenuti l-ohra, jigifieri s-socjeta' 'Steel Structures Company Limited', li taghha l-konvenuti Alfred Ellul u Mark Cini qua diretturi taghha qed jigu wkoll azzjonati fil-kapacita' personali taghhom, u l-konvenut Francis Xavier Grech, kienu rispettivament l-appaltatur principali u sub-appaltatur imqabbad mill-ahhar imsemmija socjeta'.

Intant, il-kawza ta' l-incident indubbjament kien l-ambjent mudlam, priv minn kull dawl naturali jew wkoll artificjali, li fih kien jinstab it-tarag, u l-mankanza assoluta ta' ilquh li kien jikkarraterizza dan it-tarag fil-genb ta' barra tieghu.

Illi f'dan l-istadju jehtieg ghalhekk li l-ewwel u qabel kollox tigi stabbilita r-responsabbilita', jekk tissussisti, tal-konvenuti, jew min minnhom, azzjonati f'din il-kawza, li bhala tema legali principali hija sorretta fuq in-norma li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha (Artikolu 1031 Kap 16), li fil-kaz in dizamina hija rakkolta fil-kuncett tal-'colpa' jew il-'quasi-delitt' li hu manifest meta hemm vjolazzjoni ta' dover jew konsapevoli ommissjoni ta' diligenza, li l-konsegwenzi dannuzi taghhom ma jigux

previsti, u intant jigi vjolat, mhux intenzjonalment, id-dritt altruwi, li fil-kaz in dizamina hi l-inkolumita' tal-persuna fizika ta' l-attur. Dan jimporta li "hu fi htija kull min jiddiporta ruhu b'leggerezza censurabbili u b'ineskuzzabli imprudenza[1]", li hu kuncett implicitu fl-Artikolu 1032 tal-Kap 16 li jirrikonoxxi hati kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja – ergo in-nozzjoni tal-'colpa', accettata fis-sistema legali taghna, ibbazata fuq il-prevedibbilita' li hija distinta mill-previzjoni u sservi biex tiddistingwi l-'colpa' mid-'dolo' u li l-konkors taghha jiddiferenzja l-'colpa' mill-kaz fortuwitu[2].

Illi fil-kawza in dizamina din l-Qorti qeghdha teskludi il-kaz fortuwitu, komportanti avveniment imprevedibbli u inevitabbli, kif ukoll in-negligenza kontributorja, f'dan il-kaz ta' l-attur, li tfisser in-nuqqas tieghu li ma jiehux hsieb ragjonevoli ghas-sikurezza tal-persuna tieghu jew tal-proprjeta' tieghu. U qeghdha issostni fuq daqshekk stante illi mill-fattispecie tal-kaz la jirrizultalha li l-konvenuti jew min minnhom hadu dawk il-prekawzjonijiet kollha ragjonevoli li kienu jispettaw li jiehdu, u wkoll billi, fil-qasam tan-negligenza kontributorja, huwa principju assodat li bniedem hu gustifikat jahseb li l-iehor sejjer jadopera d-diligenza u l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi evitat id-dannu[3]. Fil-kaz in meritu jirrizulta illi filli l-attur, siehbu u l-konvenut Kevin Grech kienu f'kurridur li kien mixghul b'dawl naturali u filli daru kantuniera fejn kien jirrenja dlam totali u minnufih gara l-incident.

Illi hu fuq l-istregwa ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti qeghdha issib responsabbilita' ghall-incident fil-konvenut Kevin Grech li jirrizulta b'mod lampanti li kkonduca lill-attur f'ambjent li kien jaf jew li kellhu ghalfejn jahseb li kien ta' perikolu aktar u aktar meta ma hax hsieb li jattrezza ruhu ghal dan il-perikolu (garr f'idu pencil torch

---

[1] vide Fadda 'Gurisprudenza Kodice Civile Italiano', para 4467 bis.
[2] vide Appell riportat Kollez.Vol.XLII.i.74.
[3] ibid fuq l-iskorta ta' Charlesworth 'Law of Negligence' pag.464

biss) u meta jirrizulta li lanqas ma ta pre-avviz ta' l-ambjent perikoluz li fih dahhal lill-attur u siehbu.

Illi trattata r-responsabbilita' tal-konvenuti l-ohra l-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet kemm ta' natura legali u kemm ta' natura fattwali kontenuti fin-noti ta' sottomissjonijiet responsivi taghhom sa fejn pero' (u biss ghall-fini ta' dan il-gudikat) fejn gie sottomess li hu dak li ghandu l-pussess materjali u effettiv tal-post jew sit li ghandu r-responsabbilita korrispondenti li jhares lil kull min jidhol fil-post mill-periklu. Jirrizulta f'dan il-kuntest li l-konvenuti l-ohra, minbarra l-konvenut Kevin Grech, kienu hargu mill-ambjenti tas-sit fejn gara l-incident stante li kienu tterminaw ix-xoghol li kellhom jaghmlu f'dan l-ambjent u minflokhom kienu dahlu kuntratturi ohra, inkarigati mis-socjeta', sid il-kumpless, jaghmlu xoghol iehor. Hemm distakk nett fil-konfront dawn il-konvenuti tan-ness ta' kazwalita' bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza, u, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'huwiex hawn il-kaz li kienu dawn il-konvenuti li kellhom id-dmir iharsu s-sigurta' ta' dawn l-ambjenti li minnhom kienu hargu wara li espletaw xogholhom u fihom kienu dahlu jahdmu kuntratturi ohra, inkarigati direttament minn sid il-kumpless (li m'humiex fil-kawza) u ghal kollox estranji ghal dawn il-konvenuti.

Illi fid-dawl ta' dak fuq espost u stante li l-incident in meritu kien attribwibbli, fic-cirkostanzi, unikament ghan-nuqqas ta' prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja da parti tal-konvenut Kevin Grech qeghdha ghaldaqstant u ghall-finijiet ta' l-ewwel talba ta' l-attur takkollalu r-responsabbilita' ghall-akkadut u l-konsegwenti danni sofferti mill-attur.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jikkoncerna l-likwidazzjoni tad-danni huwa pacifiku li l-likwidazzjoni tigi stabbilita fuq zewg binarji

cioe' dak tad-danni attwalment sofferti ('damnum emergens) u dawk d-danni kawza l-inkapacita' ikkagunata ('lucrum cessans') kif jipprovdi l-Artikolu 1045 tal-Kap 16.

Jirrizulta f'dan il-kuntest illi l-attur kellhu 51 sena meta korra, kellhu grad ta' 'foreman' mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma b'paga 'gross' ta' hamest elef u tnejn u hamsin lira Maltin (Lm5052) ghas-sena immedjatament precedenti l-korriment, eskluz 'overtime'/'oncall'/ 'bonus' li f'dik is-sena ammontaw ghall-elf tmien mija sitta u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1846.84)[4].

Mix-xhieda prodotta mill-attur stess jirrizulta li hu ma tilef xejn mill-paga li baqa' jippercepiha izda mid-data tal-korriment tieghu tilef kull opportunita' ta' promozzjoni kif ukoll kull hlas 'extra' minbarra l-paga.

Illi l-attur qieghed jiddomanda s-somma ta' mija u erbgha u disghin (Lm194) bhala damnum emergens, li l-Qorti tikkunsidra gustifikati, u sebgha u ghoxrin elf tmien mija u erbgha u sittin lira Maltin (Lm27,864) bhala lucrum cessans li l-Qorti fir-rigward ghandha s-segwenti xi tghid:

i. illi l-Artikolu 1045 jindirizza l-kwistjoni tal-lukri cessanti fit-telf ta' qliegh li l-persuna li ssofri l-hsara tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali..;

ii. illi s-subinciz (2) ta' l-imsemmi artikolu jipprovdi li "is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkustanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta ta' grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbati l-hsara", li opportunatament thalli hafna fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-gudikant;

[4] vide dok fol.113

iii. illi fil-kaz in dizamina l-Qorti ser tiehu bhala grad ta' inkapacita' dik stabbilita mill-kirurgu ortopediku, minnha nominat u approvat mill-partijiet, li hija ta' tletin fil-mija (30%) – li hija wahda sostanzjali u, fil-fehma taghha, konsoni ghat-tip ta' incident li fih kien involut l-attur;

iv. illi fl-Appell fl-ismijiet *Carmelo Galea v Albert Mizzi et nomine*[5] dik l-Onorabbli Qorti ssoktat tghid illi "…kellha necessarjament tillimita l-kunsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat bhala rizultat dirett ta' l-accident kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien se jsofri bhala konsegwenza tad-debilita' permanenti li necessarjament tincidi fost hwejjeg ohra, fuq il-kapacita' lavorattiva tieghu. Dan mhux biss attwalment fic-cirkostanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma wkoll potenzjalment f'kull attivita' ohra lavorattiva ghalih miftuha";

v. illi huwa cert li l-attur potenzjalment jekk mhux ukoll effettivament tilef kwazi ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) fi qliegh 'extra' kalkolat fuq medda ta' 10 snin li kien jonqsu sal-eta' pensjonabbli u kwindi hi tal-fehma li jkun gust li tadotta metodu aktar dirett bazat fuq il-qliegh li potenzjalment tilef, li mehud in kunsiderazzjoni l-grad qawwi ta' inkapacita li sofra u inkluz fih id-danni emergenti, sejra tillikwida fis-somma komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) minghajr ebda tnaqqis.

Ghaldaqstant, qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

1. tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur u tiddikjara lill-konvenut Kevin Grech wahdu responsabbli ghall-incident illi sehh fl-'Arkadia Complex' ta' Triq Fortunato Mizzi, Victoria, fit-30 ta' Marzu 1998;

2. tilqa' it-tieni talba tieghu u tillikwida d-danni fis-somma ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000);

---

[5] Qorti tal-Appell deciz 23 ta' April 2004.

3. tilqa' it-tielet talba fis-sens pero' illi tikkundanna lill-konvenut Kevin Grech wahdu jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000).

Illi dwar l-ispejjez gudizzjarji tiddeciedi li ghandhom jibqghu a karigu tal-konvenut Kevin Grech dwar dawk l-ispejjez relatati ma' l-attur, waqt li l-ispejjez gudizzjarji tal-konvenuti l-ohra ghandu jbatihom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------